MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2003

Numru 1004/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**V**

**NORBERT BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NORBERT BORG** ta' tletin sena, bin Nicholas u l-mejta Antonia nee Borg Tessie nee Borg, imwieled H'Attard nhar s-sitta ta' April 1973 u residenti 24, 'Rosa', Fleur de Lys Junction, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 0184073M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta ta' Dicembru 2003 f'dawn il-Gzejjer;

1. Voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fir-residenza numru 22, 'Paradise', Triq il-Kromb, H'Attard, ghad-dannu ta' Raymond Borg, liema hsara ma teccedix l-hames mitt lira maltin imma izjed minn hamsin lira maltin;

2. talli fis-sebgha ta' Dicembru 2003 f'dawn il-Gzejjer, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fir-residenza 'Willow Croft', Triq l-Luh, H'Attard ghad-dannu ta' Mario Rogers, liema hsara teccedi l-hames mitt lira maltin;

3. talli fis-sebgha ta' Dicembru 2003 gewwa H'Attard bi vjolenza jew b'theddid gieghel Ufficjal Pubbliku cioe lid-Direttur tat-Taqsima tax-Xoghlijiet tal-Infrastruttura u Rizorsi, Mario Rogers li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu;

4. talli fis-sebgha ta' Dicembru 2003 ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tad-Direttur tat-Taqsima tax-Xoghlijiet tal-Infrastruttura u Rizorsi, Mario Rogers bhala persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu konta l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. talli fis-sitta ta' Dicembru 2003 f'dawn il-Gzejjer dahal f'dar jew lok iehor jew f'recint bil-hsieb li jaghmel hsara lil proprjeta numru 22, 'Paradise', Triq il-Kromb, H'Attard, kif wkoll fis-sebgha ta' Dicembru 2003 dahal f'dar jew lok iehor jew f'recint bil-hsieb li jaghmel hsara lil proprjeta cioe fir-residenza 'Willow Croft', Triq l-Luh, H'Attard;

6. talli fis-sitta w is-sebgha ta' Dicembru 2003 fl-istess lok u cirkostanzi bi hsara ta' sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' haddiehor;

7. talli fis-sebgha ta' Dicembru 2003 f'dawn il-Gzejjer, voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Raymond Borg u Mario Rogers il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmienja ta' Dicembru 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-konfront tal- akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat stess, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif ammessi minnu.

Semghet lil Avukat Difensur jispjiega verbalment li l-imputat ghandu problema mentali u konsegwentement talabha tinnomina espert psikjatra sabiex tezamina lil imputat qabel ma tghaddi ghas-sentenza.

Il-Qorti laqghet tali talba fl-istess jum tal-presentata u nnominat lil Doctor Ethel Felice biex tirrelata fuq l-istat mentali tal-istess imputat.

Illi nhar l-hmistax ta' Dicembru 2003 l-espert psikjatra **Doctor Ethel Felice ppresentat r-relazzjoni taghha fejn fiha stqarret** li l-imputat jbati minn *hypermnesia* u cioe li ghandu l-perswazjoni li kulhadd huwa kontrih u ma jsib appogg minghand hadd minn shabu la ta' fuqu u lanqas l-Union. Fil-psikjatrija dan jissejjah 'stat persekutorju' jew 'stat paranoide'. Illi l-imputat wkoll jfittex ix-xaghra fl-ghagina u jfittex sodisfazzjoni ghas-suppost persekuzzjoniiet, 'personalita litiganti/sensittiva'. Doctor Ethel Felice kompliet tispjiega li l-imputat jbati minn *chronic depression with paronoid features* u li b'referenza ghar-reati addebitati lilu huwa agixxa taht stat mentali psikologikament disturbat li ghalkemm ma jirrendihx mignun fis-sens tal-ligi, il-gudizzju u l-kondotta fuq l-agir tieghu flimkien mal-emozjonijiet qawwija u depressivi

marbutin mal-impjiegi differenti li kellu, jitolbu li jrid jkompli bil-kura.

**Xehed wkoll Doctor George Debono** li hu l-psikjatra personali tal-imptat, li kkonferma li l-imputat ilu taht l-kura tieghu b'mod regolari ghal zmien twil u li dan jbati minn *chronic depression* bil-*paranoia* izda mhux sal-grad ta' psikozi. Illi l-imputat jinsab taht kura medika u jiehu trattament orali ghal tali kondizzjoni u li kien ilu ma jarah minn Awissu li ghadda.

**Xehed wkoll il-Perit Valerio Schembri** li kien gie nominat fl-inkjesta sabiex jispjiega xi hsarat ikkaguna l-imputat u jaghti stima taghhom.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti kkunsidrat s-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument ST, liema fedina penali hija ndellibbli bla ebda tebgha ta' reat jew konravenzjoni registrata fuqha;
2. Il-ko-operazzjoni totali tal-imputat mal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni odjerna;
3. L-ammissjoni bikrija tieghu fl-ewwel appuntament li nghata mal-presentata u ghalhekk ma nhela ebda hin prezzjuz tal-Qorti li ghalkemm ammissjoni bikrija per se mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena;
4. Illi s-socjeta in generali ma sofriet ebda danni materjali u dan ghaliex waqt is-seduta tal-hmistax ta' Dicembru 2003 l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat kollha kagjonati minnu lil vittmi Mario Rogers u Raymond Borg ghalhekk m'ghadx ghandhom ebda pretenzjoni kontra l-imputat;
5. Illi l-imputat ghandu problemi mentali kif deskritti aktar 'l fuq.

Illi minn naha l-ohra, pero il-Qorti ma tistax ma tinkwetax fuq s-serjeta tal-akkuzi u cioe hsara voluntarja u vjolenza u theddid fuq il-persuni ta' Ufficjali Pubblici u dan in

konnessjoni ma servizz pubbliku li huma qed jaghtu lis-socjeta li taghha wkoll l-imputat huwa membru.

Illi l-Qorti ma tistax tittollera agir bhal dan u cioe agir vjolenti u abusiv fuq persuna li qed tghix fil-liberta taghha bhala cittadin malti. Hija thoss li ghandha taghti messagg lis-socjeta li persuna li qed taqdi d-dmirijiet taghha u cioe taghti servizz pubbliku ghandha tkun protetta w issib konfort fil-Qrati tal-Gustizzja.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tikkreja bilanc bejn l-interess generali tas-socjeta u dik partikolari tal-imputat odjern meta tigi biex taghti l-piena.

In vista tas-suespost, ghalhekk il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi ghandha tkun wahda ta' multa fil-massimu taghha.

**Il-Qorti**, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 325(1)(b)(a), 330(a), 340(d), 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat NORBERT BORG hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal multa massima ta' hames mitt lira maltin.**

**Il-Qorti oltre dan tobbliga lil imputat ma jkellimx, ma jingurjax u ma jimmolestax lil Mario Rogers u lil Raymond Borg u lil familjari rispettivi taghhom taht penali ta' mitt lira maltin fin nuqqas ghal perjodu ta' sena kif previst fl-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------